# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' 12 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 179/2020**

**GO P.L.C**
**(C-22334)**

*VERSUS*

**DANIEL GATT**
**KI. 330789M**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra l-Avviz tat-Talba ipprezentata fl-10 t'Awwissu 2020 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenut sabiex:

*Jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta tlett elef mitejn u sebgha u hamsin Ewro u tmintax-il centezmu (Eur 3257.18) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40187244.*

*Illi interpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadampjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

*Bl-Ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni ma' l-ittra ufficjali bir-riferenza 3361/18 u bl-imghaxijiet legali.*

Il-Konvenut innotifikat fl-1 t' Ottubru 2020 (Fol. 12) ressaq risposta fid-19 t' Ottubru 2020 (Fol.14) fejn eccepixxa illi :

Preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti ai termini ta l-artikolu 2156 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-mertu minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tas-socjeta attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess u dan peress li l-ammont pretiz m'huwiex dovut;

*Illi l-kontijiet mahruga mis-Socjeta attrici partikolarment izda mhux limitatament ghall-kejl ta' uzu tad-data imorru kontra regoli Ewropej li huma direttament enforzabbli f'Malta intizi sabiex jipprotegu l-konsumatur.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalsiasi kaz l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa eccessiv u ma jirriflettiex l-ammont attribwit lis-servizzi reza mis-socjeta attrici.*

*Illi s-socjeta attrici naqqset milli tipprovdi rendikont tas-servizzi rezi minnha sabiex tissustanzja t-talbiet taghha*

*Salvi eccezzjonijet ulterjuri premessi mill-ligi. Bl-Ispejjez.*

Illi fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru 2020 il-konvenut ikkjarifika illi l-eccezzjoni preliminari hija ibbazata fuq l-Artikolu 2156 paragrafu (f) tal-Kap.16. Il-konvenut kellu wkoll jindika r-regoli Ewropej li qed issir referenza ghalihom fl-istess eccezzjonijiet.

Fit-13 ta' Jannar 2020 dan it-Tribunal beda bis-smiegh tal-provi fejn xehdet Maryanne Cammilleri, rapprezentanta tas-socjeta attrici (Fol.19). Ix-xhud ipprezentat dokumenti fil-kapacita taghha ta' Credit Control Executive (Fol. 23 sa 51). Fix-xhieda taghha, r-rapprezentanta tas-socjeta attrici tghid illi l-konvenut halla roaming miftuh. Dan minkejja illi l-konvenut kien jaf xi jrid jaghmel permezz ta' informazzjoni li ircieva b'messagg. Ix-xhud specifikat ukoll illi l-konvenut kien ihallas permezz ta' direct debit u li beda jigri kien illi s-socjeta attrici ma bdietx issib flus bizzejjed fil-kont tal-konvenut biex jithallasu l-kontijiet li kien hemm pendenti. Ghaldaqstant is-servizz gie terminat f'Jannar 2018.

Permezz ta' nota ipprezentata 12 ta' Jannar 2021, il-konvenut specifika illi r-regolamenti Ewropej li qed issir referenza ghalihom fit-tielet eccezzjoni huma r-Regolament Nru. 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Gunju 2012 dwar roaming fuq networks pubblici ta' komunikazzjoni mobbli fi hdan l-Unjoni.

Illi fit-2 ta' Gunju 2021, xehdet Maryanne Camilleri in kontro ezami u xehed ukoll il-konvenut Daniel Gatt. Illi minn din ix-xhieda tal-konvenut johrog car, fuq mistoqsija in ezami, illi huwa kien ircieva messagg fejn kellu l-opportunita johrog mis-sistema (Fol.58). Il-konvenut ikkonferma

wkoll illi il-kontijiet li kien jircievi kienu jinqataw dirett mill-Bank. Meta il-konvenut kien ra li tela kont kbir huwa iddecieda li ma jhallasx ghax ma qabilx ma' l-ammont ta' dan il-kont.

Fl-14 ta' Ottubru 2021 inghalqu l-provi kollha u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali ghal-19 ta' Novembru 2021 u li eventwalment saret waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar 2022.

It-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda prezentata matul il-kawza kif ukoll id-dokumenti relatati.

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>It-Tribunal jikkunsidra</u>:-

Illi fl-ewwel lok il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16, li tipprovdi hekk:-

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta' ħames snin:*

*(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġejminn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Il-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi: li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu magħluqa (*ara Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma v. Oil and Construction International Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2004 u Dr. John Cassar et v. Tarcisio Azzopardi deċiża mill-Qorti tal-Appell fis26 ta' April, 2007*). Il-liġi ma tistax tippermetti illi tilwimiet jibqgħu mdendlin mingħajr ma jingħalqu. Dan mhux biss għax fih innifsu jista' jkollu effett negattiv soċjali u legali, iżda wkoll mil-lat prattiku, għax aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar isir diffiċli biex jitressqu dawk il-provi neċessarji biex issir il-ġustizzja (*ara Albert Camilleri v. Dr. Richard Galea Debono deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiza fl-1 ta' Lulju 1997*);

Illi jidher car mid-dokumentazzjoni prezentata Dok. AA4 (a fol. 38 et seq) illi f'dan il-kaz m'ghaddiex iz-zmien rikjest taht dan l-Artikolu tal-ligi ghaliex bejn 2017 u 2018 kienu ghadom qed johorgu kontijiet fil-konfront tal-konvenut filwaqt illi din it-talba tressqet fl-10 t'Awissu 2020. Ghaldaqstant zgur illi ma jezistiex it-trapass ta' hames snin kif mitlub mil-Ligi. Illi di parti tieghu l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni filwaqt li fl-ebda mument tal-kawza (inkluz fit-trattazzjoni) ma ressaq xi prova jew rega qajjem dan l-argument legali.

Illi l-istess ghandu jinghad fuq it-tielet eccezzjoni imressqa mill-konvenut u cioe illi sussegwentament ghan-nota fejn gie specifikat ir-regolament li ghalih kienet qed issir referenza fl-eccezzjoni, fl-ebda mument fil-kors tal-kawza ma ingiebet xi prova jew tressaq xi argument li jissostanzja l-eccezzjoni tal-konvenut.

Ir-Regolament 531/2012 “roaming on public mobile communications networks within the EU” ghandu l-iskop :-

*It aims to end roaming charges while travelling within the EU. This means that EU citizens travelling within the EU can make calls, send text messages and access the internet on their mobile phones for the same price as in their own countries.*

*It also sets out safeguards to ensure that mobile telephone operators are protected against abuses and can sustain the new roaming rules without increasing domestic prices.*

*Regulation (EU) 2017/920 amends Regulation (EU) No 531/2012 with effect from 15 June 2017. It introduces rules that limit the amount that mobile telephone operators may charge one another for roaming (i.e. wholesale roaming) in the EU. (Regulation (EU) No 531/2012 of the European Parliament and of the Council of 13 June 2012 on roaming on public mobile communications networks within the Union (recast) (OJ L 172, 30.6.2012, pp. 10–35))*

Illi ghaldaqstant dan ir-regolament huwa car illi jolqot biss meta cittadin Ewropew ikun qed isiefer f’ pajjiz iehor ta’ l-Unjoni Ewropeja. Dan ir-regolament johloq limiti u restrizzjonijiet fuq tariffi fi hdan l-istess pajjizi ta’ l-EU.

Issa fil-kaz in ezamina, il-konvenut ikkonferma illi huwa kien siefer is-Serbja u li huwa kien sorpriz bil-kont wara li ghamel din il-mawra.

Min-naha tieghu l-konvenut jibbaza l-argumenti principali tieghu fuq il-fatt illi huwa ma kienx mgharraf sew jew infurmat biex johrog mis-sistema tar-roaming. Illi f’dan ir-rigward, it-Tribunal xtarr id-dokument AA4 u zgur li ma jistax jigi accettat illi l-kliem “Opt Put” flok “Opt Out” kellu xi fattur determinanti fuq il-konvenut. Kien jistenna li l-konvenut wara li ircieva informazzjoni minghand is-socjeta attrici, jivverifika u/jew isaqsi kemm-il darba qatt seta nibet xi dubju dwar il-kontenut ta’ l-informazzjoni li ircieva.

Il-konvenut jishaq illi s-socjeta attrici qatt ma ressqet prova sabiex turi fejn kien il-konvenut meta ghamel uzu tas- servizz jew il-minuti li uza tali servizz. Is-socjeta attrici strahet biss fuq order form u statements mahruga minnha. Illi matul it-trattazzjoni il-konvenut jghid illi huwa qatt ma rcieva l-kontijiet mibghtua mis-socjeta attrici. Dan minkejja illi l-istess konvenut fix-xhieda tieghu jghid illi kellu direct debit u li gieli mar hu stess ihallas il-kontijiet u li meta siefer u ma sabx linja kien hu stess li mar jivverifika f’wiehed mill-istabbilimenti tas-socjeta attrici (Fol. 62).

Illi it-Tribunal ghandu quddiemu socjeta attrici li qed titlob l-ammont ta’ Eur 3257.18 ghal servizz moghti minnha lill-konvenut illi min-naha tieghu ma hallasx dan l-ammont ghaliex ma jaqbilx li huwa dovut, huwa eccessiv u ma jirriflettiex l-ammont ghas-servizz moghti.

Is-socjeta attrici ipprezentat lil dan it-Tribunal permezz ta’ statements u l-kuntratt iffirmat prova bizzejjed sabiex turi li l-ammont pretiz huwa dovut. Min-naha tieghu, dan it-Tribunal jikkunsidra li l-istess konvenut spjega illi l-problema magguri kienet illi huwa qatt ma stenna li l-kont ser jitla sa dan l-ammont. It-Tribunal huwa sodisfatt illi dak pretiz min-naha tas-socjeta attrici gie ppruvat anke a bazi ta’ ammissjonijiet tal-konvenut stess matul il-kontro ezami.

**Decide**

Ghaldaqstant**,** it-Tribunal qieghed jiddeciedi dan l-Avviz, billi jilqa t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ tlett elef mitejn sebgha u hamsin Ewro u tmintax-il centezmu (Eur 3257.18) bl-imghax legali mill-1 t’Ottubru 2018.

L-Ispejjez ta’ dawn il-proceduri inkluz dawk ta’ l-ittra uficcjali 3361/18 jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut.

**Dr. Duncan Borg Myatt B.A.,LL.D**
Gudikatur